

Frans Pace fuq il-lemin mas-Sur Victor Aquilina fir-Redifussion.




Victor Aquilina

# Tislima lil wieħed mill-pijunieri tax-xandir f'Malta - Victor Aquilina

**Noel D'Anastas**
ndanastas@gmail.com

Matul il-ġimgħa li għaddiet tħabbret il-mewt ta' wieħed mill-pijuniera tax-xandir f'Malta, Victor Aquilina li miet fl-Awstralja fl-età ta' 92 sena.

Il-vuċi simpatika ta' Victor Aquilina bdiet tinstema fuq il-cable radio, is-servizz offrut mir-Rediffusion meta hu kien ingħaqad mal-kumpanija fl-1950. Kien DJ magħruf fejn introduċa diversi programmi tal-mużika, is-suċċessi li kienu qed jaslu lilna miż-żewġ naħat tal-Atlantiku.

Kien hu li flimkien ma' oħrajn beda jlaqqagħna mal-vuċijiet u l-mużika ta' Elvis, Pat Boone, Ray Charles, Roy Orbison, Cliff Richard, Neil Sedaka u tant oħrajn, u warajhom is-suċċessi li kienu qed jagħmlu The Beatles, Rolling Stones, Dave Clark Five u dawk kollha li kienu qed jagħmlu s-snin sittin tad-deheb.




Victor Aquilina max-xandara

Barra li kien DJ, Victor Aquilina kien beda jaqra l-aħbarijiet ftit xhur wara li ngħaqad mal-kumpanija. Wara beda jipproduċi diversi programmi. Fl-1966 kien sar Assistent Kap tal-Programmi u fl-1971 ġie appuntat Kap tal-Programmi. Kien ukoll involut f'għadd ta' programmi televiżivi meta r-Rediffusion waqqaf it-televiżjoni Maltija fl-1962. Fil-fatt, kien hu li fl-inawgurazzjoni tal-Malta Television, illum il-PBS, ipproduċa programm mużikali.

Nofs is-snin sebgħin kien wieħed turbulenti għall-operat tar-Rediffusion meta ġie nazzjonalizzat fl-1975 wara sit-in mill-ħaddiema, li rat lock-out tal-management. Xandir Malta mbagħad twaqqaf bħala fergħa tal-kumpanija tal-komunikazzjoni Telemalta tal-istat.

Aquilina kien irriżenja fl-1982 u emigra lejn l-Awstralja fejn hemm kien Ko-ordinatur u Kap tal-Programmi tal-Lingwa Maltija fl-SBS Radio Melbourne, immirat għall-komunità Maltija fl-Awstralja.

Victor Aquilina kien irtira fl-1995, sena wara li kien ingħata l-Medalja għal-Qadi tar-Repubblika mill-Gvern Malti.

Victor Aquilina twieled fid-9 ta' April 1930 f'Aldershot l-Ingilterra, u ħa l-edukazzjoni f'Tignè Garrison School u wara fis-Seminarju tal-Arċisqof fil-Furjana. Victor Aquilina kellu wkoll l-opportunità li jkun mistieden fil-programm televiżiv Taljan 'Souvenir' li kien ixxandar fuq ir-RAI. Kemm-il darba kien mistieden jippreżenta serati ta' mużika u festivals tal-kant. Kien fl-1995 li Victor Aquilina rtira wara karriera ta' 45 sena fix-xandir.

Fl-1966 Victor iżżewweġ lil Rosalie Pace Ubaldini u kellhom tliet ulied, Jason, Nigel u Audrey.

### Jiftakru lil Victor Aquilina

Bosta huma dawk li jiftakru lil Victor Aquilina u kien hu li ħalla impatt kbir fuqhom. Philip Rokarja Pace jgħid li kien il-persuna li ntroduċietu mas-suċċessi tal-bidu tas-snin sittin bis-saħħa tar-Rediffusion. Darba f'intervista madwar għaxar snin ilu kien qalli hekk: "Alfred Vella (tal-Electro Stores ta' Triq Zakkarija, il-Belt - li jiġi zijuwi minn naħa ta' Ommi) kellu d-diski tat-tikketta 'Pye' u kont nara lil Victor Aquilina għandu ġewwa fl-uffiċċju jiddiskuti l-mużika. Għalija, Victor Aquilina hu l-aqwa DJ ta' dejjem, fejn fil-bidu tas-sittinijiet kont nisma' l-programm tiegħu 'Non Stop Pops' fuq ir-Redifusion, bl-introduzzjoni tar-'Reveille Rock' ta' Johnny and the Hurricanes. Kont nisma' wkoll il-programm tiegħu tat-Top 20 tar-Renju Unit."

Dr Charles Xuereb, veteran fix-xandir lokali jiftakar li fil-bidu tal-karriera tiegħu kien jiddiskuti l-ideat ma' Victor Aquilina, dak iż-żmien Kap tal-Programmi ġodda.

Charles Flores li fis-snin tmenin kien Kap tal-Programmi, jirrakonta hekk: "Kien l-ewwel kollega li stedinni għal grokk flimkien fl-uffiċċju tiegħu meta kont għadni nibda l-karriera fix-xandir nazzjonali. Ġest ġentili li bqajt napprezzah, għalkemm ftit wara, sena jew tnejn, kien għażel li jmur l-Awstralja. Mur għidli li kont se nkun qed niret dak l-istess uffiċċju bħala Kap tal-Istazzjonijiet tar-Radju tal-PBS!"